MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## ANTONIO MIZZI

Seduta tas-26 ta' Jannar, 2015

Appell Kriminali Numru. 494/2014

Il-Pulizija

vs

**Sebastiano Brunno**

iben Pietro, imwieled Lentini, Sqallija, Italja fit-3 ta' Settembru, 1958.

Il-Qorti

Rat il-mandat ta'arrest provviżorju maħruġ mill-Maġistrat Dottor Antonio Micallef Trigona nhar it-22 ta' Lulju, 2014, fejn l-istess Maġistrat awtorizza lill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex jarresta u jieħu taħt il-kustodja tiegħu lil Sebastiano Brunno, ta' nazzjonalita Taljana, imwieled f'Lentini fi Sqallija, l-Italja nhar it-3 ta' Settembru 1958 u dan sabiex jittreġġgħa lura lejn l-Italja sabiex iservi piena ta' priġunerija għal għomru dwar reati ta' omiċidju, kompliċita' f'tentattiv ta'omiċidju aggravat, u pussess illegali ta' armi u splussivi u dan wara l-ħruġ ta' "red notice" għall-arrest tiegħu via l-Interpol, liema mandat ġie maħruġ ai termini tal-artikolu 14 tal-Kapitolu 276 tal-Liġijiet ta' Malta.[1]

Rat l-imsemmi "red notice" għall-arrest tal-estradant maħruġ nhar is-6 ta' Lulju, 2012.[2]

[1] Anness u markat dok. MC1 a fol 2.

[2] Anness u markat dok. MC2. a fol 3.

Rat l-Awtorita għall-Proċediment maħruġa mill-Ministru tal-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali Malti nhar it-13 t'Ottubru, 2014[3] li permezz tagħha jirriżulta li l-Gvern tar-Repubblika tal-Italja, pajjiż barrani għall-finijiet tal-artikolu 7 tal-Kapitolu 276 tal-Liġijiet ta' Malta għamel talba sabiex jitreġġa lura f'dak il-pajjiż l-estradant u dan wara li l-istess Ministru premetta li l-estradant kien ġie misjub ħati talli bejn April u Settembru 1992 b'diversi atti ikkommetta delitti ta' tentattiv ta'omiċidju, omiċidju volontarju kif ukoll ġarr u pussess t'armi u splussivi skont kif kien ukoll jidher minn skeda li l-istess Ministru annetta bħala dokument "X" anness mal-Awtorita għall-Proċediment.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-28 ta' Novembru, 2014 fejn il-Qorti wara li rat l-artikolu 15(3)(b) tal-Kapitolu 276 tal-Liġijiet ta' Malta, laqghet it-talba tal-Kummissarju tal-Pulizija datata 3 ta'Ottubru, 2014 u ordnat li Sebastiano Brunno jiġi mqiegħed taħt kustodja sabiex jiġi mreġġa' lura lejn ir-Repubblika tal-Italja biss u limitatament għar-raġunijiet imsemmija aktar 'il fuq fil-paragrafu preċedenti jiġifieri sabiex jiskonta l-piena ta' priġunerija għal-għomru flimkien mal-iżolament bi nhar għal perjodu ta' sitt xhur u dan wara li kien ġie kkundannat għall-omiċidju ta' Agnello Nicolo (b'esklużjoni tal-aggravanti skont l-artikolu 7 tal-Liġi numru 203 tat-12 ta' Lulju, 1991 fir-rigward tal-omiċidju volontarju) u il-pussess ta'armi tan-nar liema reati seħħew f'Lentini nhar il-11 t'April, 1992.

Inoltre, wara li rat l-artikolu 12 tal-Kapitolu 276 tal-Liġijiet ta' Malta, stante li l-estradant qed jiskonta sentenza għax kien misjub ħati f'Malta, huwa m'għandux jitreġġa' lura skont il-Kapitolu 276 tal-Liġijiet ta' Malta lejn ir-Repubblika tal-Italja sakemm ma jkun skonta is-sentenza tiegħu.

Inoltre, wara li rat l-artikolu 16 tal-Kapitolu 276 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti nformat lill-estradant li fi kwalunkwe każ huwa ma jistax jiġi mreġġi lura qabel ma jgħaddu ħmistax il-jum mid-data ta' din l-Ordni kif ukoll li huwa għandu dritt li jinterponi appell minn din id-deċiżjoni quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali.

[3] Anness u markat dok. DFD3. a fol 22.

Inoltre, il-Qorti nformat lill-estradant ukoll li jekk huwa jħoss u jaħseb li xi waħda mid-disposizzjonijiet tal-artikolu 10(1) jew (2) tal-Kapitolu 276 tal-Liġijiet ta' Malta tkun ġiet miksura jew li xi disposizzjoni tal-Kostituzzjoni ta' Malta jew tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea hija, tkun ġiet jew x'aktarx tkun se tiġi miksura dwar il-persuna tagħha hekk li tkun ġustifikata r-revoka, l-annullament jew il-modifika tal-ordni ta' kustodja tal-qorti, hija għandha jedd li titlob rimedju skont id-disposizzjonijiet tal-artikolu 46 tal-imsemmija Kostituzzjoni jew tal-Att dwar il- Konvenzjoni Ewropea, skont il-każ.

Rat ir-rikors tal-appellant Sebastiano Brunno tal-4 ta' Dicembru, 2014 fejn talab li din il-Qorti joghgobha thassar u tirrevoka s-sentenza appellata datata 28 ta' Novembru, 2014, li biha l-ewwel Qorti ordnat li l-appellant Sebastiano Brunno jiġi mqiegħed taħt kustodja sabiex jiġi mreġġa' lura lejn ir-Repubblika tal-Italja pero' biss u limitatament sabiex jiskonta l-piena ta' priġunerija għal-għomru flimkien mal-iżolament bi nhar għal perjodu ta' sitt xhur u dan wara li kien ġie kkundannat għall-omiċidju ta' Agnello Nicolo (b'esklużjoni t'aggravanti skont l-artikolu 7 tal-Liġi numru 203 tat-12 ta' Lulju, 1991 fir-rigward tal-omiċidju volontarju) u il-pussess ta'armi tan-nar liema reati seħħew f'Lentini nhar il-11 ta'April, 1992 u minflok tordna li jigi mehlus mill-kustodja minnifuh.

Rat l-aggravji tal-appellant u cioe':-

1. Illi l-ewwel Qorti ghamlet applikazzjoni skoretta jew inkopmpleta tal-ipotezi tal-ligi meta cahdet l-eccezzjoni sollevata mid-difiza fis-seduta tat-3 ta' Novembru 2014 li biha ntalab li jigi dikjarat null il-mandat ta' arrest provizorju datat 22 ta' Lulju, 2014 maghmul ai termini ta' l-artikolu 14(1)(a)(b) tal-Kapitolu 276 tal-Ligijiet ta' Malta u kull att u procediment sussegwenti ghalih kontra l-appellant u dan evidentement ghaliex tali mandat u kull procediment sussegwenti ghalih kienu bbazati fuq dokumentazzjoni skoretta.

In sostenn ma' din it-talba, id-difiza argumentat illi apparti r-rikjesta skorretta maghmula mill-Awtoritajiet Gudizzjarji Taljani fis-sens illi kienet qed tintalab l-ezekuzzjoni ta' sentenza nezistenti, hemm addizzjonalment il-fatti li l-ordine di "esecuzione per la carcerizazzione" mahrug mill-Procura Generale Della Republica (Catania) numru 1052009SIEP [li allura suppost huwa c-certifikazzjoni tas-sentenza skond l-artikolu 13(2)(b) tal-Kapitolu 276], fih referenza jew jindika li l-appellant Brunno Sebastiano ghandu jigi estradit biex jiskonta piena li ma hijiex dik riflessa fis-sentenza li taghha qed tintalab l-esekuzzjoni u cioe' dik tal-5 ta' Jannar, 2008 tal-Corte di Assise e di Appello di Catania.

Minn naha taghha l-Qorti wara li qablet mal-argument tad-difiza fis-sens illi d-dokumenti ezebiti in sotenn mat-talba ghall-estradizjoni kienu tempestati bi skoretezzi u riferenzi skoretti anki dwar l-iter procedurali, xorta ma setgħatx tasal li tgħid li, minħabba f'hekk, tirriżulta xi nullita sostantiva f'dawn il-proċeduri u konsegwentement cahdet l-eccezjoni.

Illi bir-rispett kollu l-esponent hass ruhu aggravat minn tali decizjoni ghaliex huwa evidenti illi fi proceduri ta' treggija lura bhal dawk odjerni, il-precizjoni fid-dokumenti li jsejsu l-proceduri fihom infushom hija xi haga essenzjali u konsegwentment fl-istat attwali tal-provi dokumentarji li fuqhom kien imsejjes il-mandat ta' arrest provizorju tali mandat kellu jigi dikjarat null u l-istess kull procedura sussegwenti fil-kors tal-procediment.

2. Illi l-procedura kollha tal-estradizzjoni kienet monka u dan peress illi l-Awtorizzazzjoni għall-Proċediment tal-Ministru , li hija d-dokument bażilari għal kull każ ta' estradizzjoni, kien wiehed monk u difettuz. Huwa in segwitu għal din l-Awtorizzazzjoni li setgħet tittieħed din l-azzjoni ta'estradizzjoni kontra l-estradant. Biss din l-Awtorizzazzjoni hija msejsa fuq dokumenti li huma dokumenti li fihom fatti żbaljati. Din l-Awtorizzazzjoni toħroġ mill-artikolu 13 tal-Kapitolu 276 tal-Liġijiet ta' Malta. Dan l-artikolu jirrikjedi li jkun hemm għadd ta' dokumenti li jiġu preżentati lill-Ministru qabel ma joħroġ din l-Awtorizzazzjoni. Fil-fatt dan l-Artkolu jgħid li din id-dokumentazzjoni tinkludi ċertifikat tad-dikjarazzjoni ta' ħtija u tal-kundanna f'dak il-pajjiż, u dikjarazzjoni ta' kemm, jekk ikun il-każ, ġie skontat minn dik il-kundanna. F'dan il-każ din l-informazzjoni toħroġ mill-"ordine di esecuzione per la carcerazione" datat 5 ta' Marzu 2009 u li kif ġie muri matul il-kors ta' dawn il-proċeduri jikkontjeni informazzjoni żbaljata dwar il-fatti li tagħhom instab ħati l-estradant u dwar il-piena inflitta fuqu. Għalhekk l-estradizzjoni ma tistax titwettaq in bażi għal Awtorita għall-Proċediment li hija msejsa fuq dokumenti li fihom żbalji fattwali.

Inoltre l-istess estradizzjoni ma tistax titwettaq ukoll peress li dan iċ-ċertifikat huwa meħtieġ 'sine qua non' mill-istess Liġi tal-Estradizzjoni Maltija u li issa kien ġie mibdul b'ieħor maħruġ mill-Procura Generale della Repubblica di Catania datat 28 t'Ottubru 2014. Biss dan id-dokument li huwa maħsub sabiex jassorbi u jissostitwixxi dak maħruġ fil-5 ta' Marzu 2009 (u li huwa dokument bl-iżbalji fih) kien ġie maħruġ **wara** li l-Ministru Malti ħareġ l-Awtorita' għall-Proċediment u għalhekk il-Ministru ma rax lilu iżda ra' dak li kien fih fatti żbaljati. Illi dan id-dokument il-ġdid maħruġ fit-28 t'Ottubru 2014 ma jaqbilx mal-fatti

imsemmija fl-Awtorita għall-Proċediment maħruġa mill-Ministru tal-Ġustizzja Malti u l-anqas ma jaqbel mal-fatti msemmija fl-iskeda annessa mal-istess Awtorita' għall-Proċediment. B'hekk issa l-fatti elenkati fid-dokument il-ġdid ma jaqblux maċ-ċertifikat li oriġinarjament ġie maħruġ u li fuqu nħarġet l-Awtorita' għall-Proċediment, liema ċertifikat għandu l-iskop li jipprova li hemm sentenza li hija definittiva u eżegwibbli kontra l-estradant.

Illi konsegwentement jidher illi l-procedura kollha hija vvijzata wkoll ghaliex ma' giex osservat u sodisfatt il-vot tal-ligi tal-artikolu 13(1) u (2) tal-Kapitolu 276.

3. Illi c-certifikat ta' kundanna li ssotitwixxa dak originarjament ezebit [kif spjegat ukoll fl-aggravju precedent] m'huwiex dokument legalment ammissibbli bi prova f'dan il-każ għaliex mhux debitament awtentikat skont l-artikolu 22 tal-Kapitolu 276 tal-Liġijiet ta' Malta. Dan peress li huwa fotokopja mhux ċertifikata jew awtentikata. L-"ordine di esecuzione per la carcerazione" ma kienx "mandato di arresto cautelare", iżda kien dokument li minn natura tiegħu kien ċertifikazzjoni tan-natura definittiva tal-kundanna li in bażi tagħha qegħda tintalab l-estradizzjoni anki skond l-artikolu 13(2)(b) tal-Kapitolu 276. Is-sentenza nnifisha mhix ċertifikazzjoni tar-*res judicata* – iżda l-liġi teħtieġ li jkun hemm ċertifikat appożitu għal dan. Isegwi ghalhekk illi galadarba l-ewwel "ordine di esecuzione per la carcerazione" li gie ezebit kien jikkontjeni dettalji essenzjlai skoretti u galadrba d-dokument l-iehor li suppost issostitwih kien inamissibbli, jidher illi allura hija mankanti ghal kollox ic-certifikazzjoni rikjesta a tenur tal-artikolu 13(2)(b) tal-Kapitolu 276 u ghalhekk it-talba tal-prosekuzzjoni ma' setghat qatt tigi akkolta.

4. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, fi kwalunkwe kaz u fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz jidher illi minhabba z-zmien li ghadda minn meta saru r-reat/i gewwa l-Italja fl-1992 u cioe' aktar minn 24 sena ilu, kif tenut kont partikolari tar-regim karcerarju numan u degradanti li ghalih jista jigi assogettat l-appellant, ikun ingust u/jew oppressiv illi l-appellant jigi mregga lura kif mitlub u dan kif ser jirrizulta fil-kors tat-tratazzjoni orali ta' dan l-appell. Konsegwenment din l-Onorabbli Qorti ghandha a tenur tal-artikolu 20(b) tal-Kapitolu 276 tuza s-setghat lilha moghtija u tordna l-helsien mill-kustodja tal-esponent. L-esponent qieghed sa minn issa jirriserva li jiehu kull procedura ta' natura kostituzzjonali u/jw konvenzjonali f' dawn ir-rigward jekk u meta jkun mehtieg.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi in sintesi dan hu appell minn sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti Rimandanti fit-28 ta' Novembru, 2014 li permezz taghha dik il-Qorti ordnat li l-appellant Sebastiano Brunno (l-estradant) jinzamm taht kustodja sabiex jistenna li jigi mregga lura lejn l-Italja sabiex hemm jiskonta l-piena skont sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell ta' Catania fil-5 ta' Jannar, 2008 u li giet reza rrevokabbli fil-5 ta' Marzu, 2009.

Illi l-ewwel aggravju ta' l-appellant jirrigwarda l-eccezzjoni sollevata mid-difiza fis-seduta tat-3 ta' Novembru, 2014 fejn gie mitlub li jigi dikjarat null il-mandat ta' arrest provvissjorju datat 22 ta' Lulju, 2014 u l-atti kollha sussegwenti. Din il-Qorti taghmel referenza ghad-Dokument MC2 (Red Alert ta' l-Interpol) a fol.2 et seq. tal-process minn fejn jirrizulta li l-bazi tat-talba ghall-estradizzjoni ta' Sebastiano Brunno hi s-sentenza moghtija u li giet reza definittiva mill-Qorti tal-Appell ta' Catania fil-5 ta' Marzu, 2009. Jirrizulta mill-istess dokument hawn fuq imsemmi li l-piena mposta kienet ta' ghomor il-habs. F'dan id-dokument jidher car li l-unika referenza li qed issir hi ghall-piena principali u fejn hemm referenza ukoll ghall-omicidju ta' Agnello Niccolo. Ghalhekk, jirrizulta li fl-iskeda tal-Kapitolu 276 tal-Ligijiet ta' Malta l-omicidju hu reat skedat u passibbli ta' l-estradizzjoni. Il-fatt li fil-korp tad-dokumentazzjoni ezebita originarjament kien hemm sensiela ta' inesatezzi ma jinpingi xejn fuq il-fatt li Sebastiano Brunno ghandu jiskonta l-piena ta' ghomor il-habs. Anzi d-dokumentazzjoni li giet fornita aktar tard mill-awtoritajiet Taljani jindikaw li Sebastiano Brunno ma ghandhux jirrispondi ghall-reati ohra li gie lliberat minnhom. Ghalhekk, l-ewwel aggravju ta' l-estradant ma jistax jigi milqugh.

Illi t-tieni aggravju tal-estradant hu li l-procedura kollha tal-estradizzjoni hija monka u dan peress li l-Awtorizazzjoni ghall-Procediment tal-Ministru hu wiehed monk u difettuz. Din l-awtorita' ghall-Procediment tinsab a fol 178 et seq. u ggib id-data tat-13 ta' Ottubru, 2014. Huwa veru li hemm elenkati sensiela ta' reati li suppost wettaq Sebastiano Brunno izda fost ir-reati msemmija hemm dak ta' omicidju volontarju li hu r-reat l-iktar gravi ta' sensiela tar-

reati msemmija. Ma dankollu a fol 179 ta' dan id-Dokument (Skeda X) hemm ir-referenza ghas-sentenza li saret irrevokabbli fil-5 ta' Marzu, 2009. Dan ifisser li l-pedament tal-impjant akkuzatorju fil-konfront ta' Sebastiano Brunno ghall-estradizzjoni tieghu hi certa billi ssib l-eghruq taghha fis-sentenza reza rrevokabbli fil-5 ta' Marzu, 2009. L-istess argumenti li saru dwar l-ewwel aggravju japplikaw ghal dan l-aggravju. Ghalhek, dan l-aggravju wkoll ma jistax jirnexxi.

Illi t-tielet aggravju jirrigwarda li c-certifikat ta' kundanna mhuwiex legalment ammissibbli a bazi ta' l-artikolu 22 tal-Kapitolu 276 tal-Ligijiet ta' Malta. Din il-Qorti ser taghmel referenza ghal dan l-artikolu 22 u tiddikjara li skont dan l-istess artikolu tal-ligi d-dokument ezebiti huma ammissibbli u legali. Kwalunkwe kumment iehor hu zejjed. Ghalhekk, dan l-aggravju wkoll ma jistax jirnexxi.

Illi r-raba' aggravju jirrigwarda t-trapass ta' zmien minn meta sehh ir-reat u cioe' fis-sena 1992 sa meta giet reza rrevokabbli s-sentenza fil-5 ta' Marzu, 2009. Frankament, din il-Qorti ma tistax tifhem l-argumenti mressqa mid-difiza meta l-kawza ta' dan id-dewmien kien l-estradant stess li utilizza l-mezzi kollha a dispozijoni tieghu biex jiehu vantagg, kif del resto kien intitolat li jaghmel, mill-opportunita' ta' diversi appelli. Ghalhekk, ma jistax igib dan l-argument a favur tieghu. Minbarra dan, ex admissis, l-estradant telaq mill-Italja biex jevita li jiskonta l-piena nflitta mill-Qrati Taljani. Meta wiehed jikkonsidra l-fatti kollha ta' dan il-kaz ma jista' qatt jirrizulta li jkun ingust jew oppressiv li jigi mregga lura lejn l-Italja biex jiskonta l-piena tieghu. Ghalhekk, dan l-aggravvju wkoll ma jistax jirnexxi.

Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet tichad l-appell ta' Sebastiano Brunno tal-4 ta' Dicembru, 2014 u tikkonferma d-decizjoni tal-Qorti Rimandanti tat-28 ta' Novembru, 2014.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------